32006R1489

10.10.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 278/11

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1489/2007

tad-9 ta' Ottubru 2006

li jistabbilixxi, għas-sena tal-kontijiet 2007 tal-FAEG, ir-rati ta' l-imgħax li għandhom jintużaw għall-kalkolu ta' l-ispejjeż għall-iffinanzjar tal-miżuri ta' intervent, li jikkonsistu fix-xiri, il-ħżin u r-rimi tal-ħażniet

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 tat-2 ta' Awissu 1978 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-finanzjament ta' l-interventi mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija, it-taqsima "garanzija"[1], u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni[2], l-interventi maħsuba għar-regolament tas-swieq agrikoli huma ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija (FAEG).

(2) L-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1290/2005, għall-finanzjament mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija (FAEG) ta' miżuri ta' intervent fil-forma ta' ħażna pubblika u l-kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet ta' ħażna pubblika mill-entitajiet ta' pagament ta' l-Istati Membri[3], jistipula li l-ispejjeż korrispondenti għall-fondi maħruġin mill-Istati Membri għax-xiri tal-prodotti għandhom jiġu ddeterminati skond il-metodi ta' kalkolu stabbiliti fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, abbażi ta' rata ta' l-imgħax uniformi għall-Komunità kollha.

(3) Ir-rata ta' l-imgħax uniformi għall-Komunità tikkorrispondi għall-medja tar-rati Euribor fit-tul, fuq tliet xhur u fuq tnax-il xahar, irreġistrati matul is-sitt xhur ta' qabel

---

1 ĠU L 216, 5.8.1978, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 695/2005 (ĠU L 114, 4.5.2005, p. 1).

2 ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42).

3 ĠU L 171, 23.6.2006, p. 35.

in-notifika mill-Istati Membri pprovduta fil-punt I.2 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 884/2006, b'koeffiċjent ta' terz u żewġ terzi rispettivament. Din ir-rata għandha tkun iffissata fil-bidu ta' kull sena tal-kontijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Garanzija (FAEG).

(4) Madankollu, jekk ir-rata ta' l-imgħax innotifikata minn Stat Membru tkun inqas mir-rata ta' l-imgħax uniformi ffissata għall-Komunità, għandha tiġi stipulata rata ta' l-imgħax speċifika għal dak l-Istat Membru, skond it-tieni subparagrafu tal-punt I.2 ta' l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 884/2006. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' notifika, sa l-aħħar tas-sena tal-kontijiet, mingħand Stat Membru tar-rata medja ta' l-ispejjeż ta' l-imgħax tiegħu, il-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata ta' l-imgħax għal dak l-Istat Membru fil-livell tar-rata uniformi stabbilita mill-Komunità.

(5) Fid-dawl tan-notifiki ta' l-Istati Membri lill-Kummissjoni, ir-rati ta' l-imgħax applikabbli għas-sena tal-kontijiet 2007 tal-FAEG għandha tiġi ffissata b'qies għal dawn il-fatturi varji.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-infiq marbut ma' l-ispejjeż maħruġin mill-Istati Membri għax-xiri ta' prodotti ta' intervent, li għandhom jitħallsu mis-sena tal-kontijiet 2007 tal-FAEG, ir-rati ta' l-imgħax ipprovduti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 884/2006 skond l-Artikolu 4(1)(a) ta' dak ir-Regolament huma fissati kif ġej:

(a) 2.1 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fl-Iżvezja;

(b) 2.3 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fir-Repubblika Ċeka;

(c) 2.7 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fl-Irlanda;

(d) 2.8 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fl-Awstrija, il-Finlandja u l-Portugall;

(e) 2.9 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fil-Greċja u l-Italja;

(f) 3.0 % għar-rata ta' l-imgħax speċifika applikabbli fil-Litwanja;

(g) 3.2 % għar-rata ta' l-imgħax uniformi għall-Komunità, applikabbli f'dawn l-Istati Membri li għalihom ma ġietx iffissata rata ta' l-imgħax speċifika.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Japplika mill-1 ta' Ottubru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni